**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# MINUTI

**Laqgħa tar-Regjun Xlokk**

**Laqgħa Nru. 49/2020 tat-Tielet Amministrazzjoni**

Data: Il-Ħamis 29 ta' Ottubru 2020 fil-5:30pm

Ħin: 17:30

Post: ONLINE .

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Chev Paul Farrugia** | President | Reġjun Xlokk | PREŻENTI |
| **Sra Alison Zerafa Civelli** | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | PREŻENTI |
| **Sur Chris Cassar** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Birgu | SKUZAT |
| **Sur Pierre Dalli** | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | PREŻENTI |
| **Sra Davina Sammut Hili** | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | SKUŻATA |
| **Sur Clive Pulis** | Sindku | Kunsill Lokali Isla | PREŻENTI |
| **Sur Wayne Aquilina** | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | SKUŻAT |
| **Sur Josef Azzopardi** | Sindku | Kunsill Lokali Marsa | PREŻENTI |
| **Sur Steven Grech** | Sindku | Kunsill Lokali M'xlokk | SKUŻAT |
| **Sur Charlot Mifsud** | Kunsillier | Kunsill Lokali M'skala | SKUŻAT |
| **Sur Neville Camilleri** | Kunsillier | Kunsill Lokali Paola | PREŻENTI |
| **Sur Joseph Abela Galea** | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | PREŻENTI |
| **Sur Ray Azzopardi** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Valletta | PREŻENTI |
| **Sur Neil Attard** | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | SKUZAT |
| **Sur Jorge Grech** | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | PREZENTI |
| **Sra Doris Abela** | Sindku | Kunsill Lokali Zejtun | SKUŻATA |
| **Sna Antonella Galea** | Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Xlokk | PREŻENTI |

---

## AĠENDA

49.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

49.3 Komunikazzjoni mill-President;

49.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

49.5 Rapporti

49.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 110/2020;

49.7 Mozzjonijiet;

49.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**TALBA**

**Il-President qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 49.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

Ittri ta' Apoloġija

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali Xlokk li kienu l-Kunsilli Lokali BIRGU, KALKARA, FLORIANA, MARSAXLOKK, MARSASKALA, XGĦAJRA, ZEJTUN, li talbu sabiex ikunu skużati għal din il-laqgħa.

ii. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw dawn in-notifiki ta' apoloġiji mingħand il-Kunsilli Lokali BIRGU, KALKARA, FLORIANA, MARSAXLOKK, MARSASKALA, XGĦAJRA, ZEJTUN.

## 49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffirmar Minuti

i. Il-President staqsa jekk il-Minuti numru 48/2020 setawx jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill Reġjonali Xlokk.

**i.i** Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-Minuti hekk kif ippreżentati. Għaldaqstant il-Minuti numru 48/2020 ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 49.3 Komunikazzjoni mill-President

**i.** Il-President Reġjun Xlokk reġa fakkar lis-sinjuri membri li bħala parti mill-istess strateġija kulturali għar-reġjun tagħna l-aġenzija CULTURE VENTURE kienet ser tibda torganizza t-Training minn nhar il-Ħamis 1 ta' Ottubru 2020 hekk kif kienu nfurmati l-Kunsilli Lokali. Reġa għal darb'oħra ħeġġeġ lis-Sinjuri membri sabiex jipparteċipaw għal dan it-*training*. CULTURE VENTURE

**ii.** Il-President nforma lis-Sinjuri Membri li hekk kif kien irraporta fil-laqgħat preċedenti fil-mument l-LESA kienet għadha mhix qed tħallas r-*running costs* imma kienet għadha qed tirrifondi biss is-salarji. Żied jgħid li sadanittant konna rċevejna mingħand id-DLG fejn dawn infurmawna li issa s-salarji tal-PRESIDENT u SEG EZEK ma kienux ser jibqgħu jiġu rimborsati. LESA

**ii.i.** Żied jgħid li fl-aħħar laqgħa tal-AKL li huwa kien attenda kien reġa ressaq dan l-argument u kien staqsa x'kien sar mid-diskussjonijiet li kienu għaddejjin bejn l-AKL, Ministri, DLG u LESA għaliex ir-Reġjuni kienu għadhom fl-għama dwar x'kien ser jiġri. Qal li l-President tal-AKL is-Sur Fava kien wieġeb li kien ser jerġa jikteb lil dawk involuti biex jara x'kien ser jiġri. Qal li sadanittant wara din l-ittra fl-aħħar konna rċevejna STATEMENT b'email sabiex napprovawh. Qal li ser inkunu qed niċċekjawh u nirrispondu dwaru. Statement LESA

**iii.** Il-President informa lis-Sinjuri Membri li l-ħaddiema tal-RSSL assenjati mar-Reġjun Xlokk bħalissa kienu qegħdin BORMLA u KALKARA filwaqt li l-grupp ta' BORMLA kienu ser ilestu li qed jagħmlu u jmorru x-Xgħajra. Ħaddiema RSSL assenjati mar-Reġjun Xlokk

**iii.i** Hawnhekk il-President talab sabiex dawk il-Kunsilli Lokali li f'din l-aħħar sena għamlu użu mis-servizz ta' dawn il-ħaddiema tal-RSSL sabiex jibgħatu RAPPORT u anke xi ritratti għaliex dan irid jintbgħat lill-istes Aġenzija RSSL. Rapport RSSL

**iv.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-sinjuri membri li konna għadna qed nistennew mingħand il-Lands Authority sabiex naraw kif nipproċedu minn hawn il-quddiem ladarba konna għaddejnilhom l-ittra għall-esproprjazzjoni ffirmata mill-Ministru, mis-Segretarju Permanenti u mid-Direttur Ġenerali DLG. ART -Reachout Centre

**iv.i** Żied jgħid u jirringrazzja kemm lis-Sindku Clive Pulis li kien qed jgħin permezz tal-Onor. Chris Agius Segretarju Parlamentari għall-Artijiet u Kostruzzjoni. Kif ukoll rringrazzja lis-Sindku Joseph Abela li mnalla kien hu li kien gie nfurmana li l-ħaddiema mill-proġett tal-Marsa u underpass kienu qabdu u bdew iħaffru u għaddew min-nofs l-art tal-proġett u għaddew passaġġ.

**v.** Il-President talab lis-Sinjuri Membri sabiex jassiguraw li bħala Kunsill Lokali qegħdin jibgħatu d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa fejn jirrigwardja l-10% Invoices tal-LES. Żied jgħid li dan kien qed jitolbu għaliex bħala Reġjun kien qed ikun diffiċli li nirrikonċiljaw mal-istatements tal-bank kemm-il darba ma jkollniex id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa mill-Kunsilli Lokali rispettivi u li dan kien qed iwassal biex ir-Reġjun ma jkunx jista jħallas l-10% dovuti. Ħlas ta' 10% tal-LES

**vi.** Il-President reġa fakkar lis-Sinjuri Membri li min ried mill-Kunsilli Lokali membri kien għadu jista' jagħmel bandiera tar-Reġjun Xlokk fl-uffiċini tiegħu flimkien ma dik tal-Kunsill rispettiv u tal-UE. Qal li għaldaqstant kull Kunsill Lokali interessat kellu jordna bandiera flimkien mal-arblu sabiex b'hekk ikun l-istess bħal dawk eżistenti, imbagħad ladarba jħallas kollox kellu jibgħat l-fattura flimkien mal-kopji taċ-ċekk u payment voucher u riċevuta fiskali lir-Reġjun Xlokk sabiex anke f'dan il-każ issir ir-rifużjoni lil kull Kunsill Lokali rispettiv. Fakkar ukoll li jekk wieħed jista jibgħat ukoll ritratt tal-4 bnadar flimkien ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill Lokali ikun ferm apprezzat. Bandiera tar-Reġjun Xlokk u arblu.

**vii.** Il-President nforma lis-Sinjuri Membri li fir-rigward tal-ħruġ tat-tender il-ġdid għat-tiswija tad-dawl tat-toroq kienu l-Kunsilli Lokali ta' BORMLA, FGURA, FLORIANA, ISLA, KALKARA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, TARXIEN, XGĦAJRA, ZABBAR, ZEJTUN, li kienu qablu li jissieħbu u tinħareġ tender waħda b'mod Reġjonali. Qal li fil-mument qed naħdmu fuq dan it-tender u ladarba jkun lest id-draft ser jgħaddi lil dawn il-Kunsilli Lokali li semma sabiex jiġi evalwat minn naħa tagħhom ukoll qabel ma toħroġ is-sejħa uffiċċjali. Tender tiswija Dawl tat-Toroq

**viii.** Il-President informa lis-Sinjuri Membri li hekk kif infurmati fil-laqgħa preċedenti ladarba s-sejħa għat-tender fuq bażi reġjonali għall-Servizz ta' DPO kienet għalqet, issa konna mexxejna bil-proċess tal-għażla. DPO

**ix.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li fir-rigward tat-tender għal ***"PROVISION OF A MOBILE RESPONSIVE WEBSITE"***, li hekk kif infurmati fl-aħħar laqgħa, ladarba s-sejħa għat-tender kienet għalqet issa konna mexxejna bil-proċess tal-għażla. Informa lis-Sinjuri Membri li l-irħas offerta kienet dik ta' barrani. Fondi kulturali LESA - **WEBSITE**

**x.** Il-President Paul Farrugia talab lis-Sinjuri Membri sabiex jħeġġu lin-nies jużaw il-*plastic containers* għall-ġbir ta' ħġieġ. Ġbir ta' ħġieġ

**x.i.** Is-Sindku tla-Marsa hawnhekk irrimarka li bħala lokalita' kien qed ikollhom xi problemi għaliex il-kuntratturi kienu qegħdin jeħlu l-multi. L-ikbar problema kienet li fil-lokalita' tiegħu b'mod partikulari minħabba imigranti kulħadd jarmi l-borża sewda meta jridu. Qal li anke is-sistema CCTV il-vettura mhux dejjem tingħaraf għax jekk ikunu barranin qed ikun hemm problemi. Il-President qal li kien ser iressaq ilment lill-AKL.

**x.ii.** Il-Viċi Sindku tal-Belt Valletta Ray Azzopardi staqsa jekk kienx possibbli forsi li l-kuntratturi tal-Bulky Refuse jibdew jiġbru l-ħġieġ. Il-President Paul Farrugia wieġbu li din il-proposta kien ressaqha waqt laqgħa fl-AKL imma tali proposta ma kenitx fattibbli.

**xi.** President informa lis-Sinjuri Membri li l-automatic hand sanitizers lil kull Kunsill Lokali daqt kienu lesti mill-ipprintjar tal-logos fuqhom u kif ikunu għandna konna ser ninfurmawhom biex jiġu għalihom. Sadanittant għaddilhom ritratt ta' kif kienu ser jiġu dawn l-automatic sanitizers. Żied jgħidilhom li mad-dispenser kien innkluż jerrycan 5ltrs sanitizer. AUTOMATIC HAND SANITIZERS

**xii.** Il-President informa lis-sinjuri membri li fir-rigward ta' SLOW STREETS kull Kunsill Lokali daqt kien ser jigi kkuntattjat mill-Periti sabiex isir l-istudju. Spjega li għall-proposti ta' SLOW STREETS kienu nħarġu skemi kemm mid-DLG u anke mill-AKL. Talab lis-Sinjuri Membri sabiex iżommu lil dan l-uffiċċju kkupjat bl-applikazzjonijiet tagħhom. SLOW STREETS

**xiii.** Il-Pesident informa lis-Sinjuri Membri li l-attivita tal-MARIGOLD ttelgħet nhar is-6 ta' Ottubru 2020 ġewwa Villa Bighi l-Kalkara. Hawnhekk il-President irringrazzja lis-Sur Wayne Aquilina Sindku Kalkara li kien għamel l-arranġamenti neċessarji sabiex titella din l-attivita' ġewwa l-Kalkara. MARIGOLD

**xix.** IL-President informa lis-Sinjuri Membri li ma kienx dispost jerġa jattendi Konferenza Stampa oħra meta diġa kollox ikun ssetiljat. Tnedija Skemi Onor Herrera

**x.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li jidher li bħalissa fil-pajjiż hawn invażjoni ta' *giant hornets*. Żied jispjega li jekk xi resident fil-lokalitajiet tagħhom għandhom xi bejta ġewwa djarhom importanti jkun ċar li l-Kunsill Lokali ma jista qatt jagħmel tajjeb għall-ispiża biex jitneħħew. Il-President qal li wara diskussjoni li kellu mal-President AKL dan tal-aħħar tah dettalji ta' *pest controller* li kien seta jgħin. Giant Hornets

**xi.** Il-President spjega lis-Sinjuri Membri li bħala AKL kienu staqsew dettalji fuq il-latrini għaliex kellom informazzjoni li dawk il-latrini li jagħjtu l-Cleansing allura bħala Cleansing setgħat meta trid teħodhom taħt idejha. Latrini Pubbliċi

**xii.** Il-President informa lis-Sinjuri Membri li f'din l-aħħar sena r-REGJUN kien qassam lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu bejn rimborsi u materjal ieħor Rapputaġġ tax-xoġġol tar-Reġjun waqt laqgħat tal-Kunsill Lokali rispettivi

bħal per eżempju żebgħa eċċetra madwar €188,000 globali li b'ras imbras kull Kunsill Lokali jiġi ħa qisu €12,500.

**xii.i** Żied il-President li xtaq jirrimarka li meta kien qed jara l-Minuti tal-Kunsilli Lokali ftit jew xejn sab li ssemma r-Reġjun Xlokk. Qal li dan ma kienx ġust fil-konfront tar-Reġjun Xlokk għaliex jekk huma bħala membri ma jirrapurtawx lura fil-Kunsilli Lokali rispettivi x'kien qed jiġri fir-Reġjun Xlokk in-nies hemm barra ftit jew xejn ser ikunu jafu la li jeżisti Reġjun u wisq aktar x'qed isir mir-Reġjun għall-Kunsilli Lokali fi ħdanu u għaċ-ċittadini rispettivi. Qali kien għalhekk ukoll li bħala President bgħat rapport lill-Kunsilliera kollha tal-Kunsilli Lokali tar-Reġjun Xlokk.

**xii.ii** Saret diskussjoni u fil-maġġjor parti tal-Membri preżenti qalu li min-naħa tagħhom jwasslu rapport xi jkun qed isir mir-Reġjun li pero dan jidher li ma kienx qed ikun irrapurtat.

**xii.iii** Ġie maqbul unanimament li meta l-membri jirrapurtaw waqt il-laqgħat tal-Kunsill Lokali rispettivi jitolbu li tali rapport jiġi rreġistrat fil-Minuti.

**xiii.** Il-President informa lis-Sinjuri Membri li kien qed jipproponi li għall-Milied kull Kunsilli Lokali fi ħdanu jingħata rimbors ta' €1000 fuq spejjeż minfuqa għal tizjin tat-toroq u/jew dekorazzjonijiet relatati mal-Milied li setgħu jkunu ta' tgawdija għar-residenti rispettivi.

Rimbors ta' €1000 fuq spejjeż minfuqa għal tizjin tat-toroq u/jew dekorazzjonijiet relatati mal-Milied

**xiii.i** Saret diskussjoni u l-Membri unanimament qablu mal-proposta tal-President filwaqt li rringrazzjawh għal dan.

## 49.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti

**i.** Ray Azzopardi Viċi Sindku tal-Belt Valletta staqsa jekk setax isir xi ħaġa simili bħalma kien qed isir fil-mument li ħaddiema mill-ambitu tat-Turiżmu kienu ser ikunu assenjati mad-Diviżjoni tas-Saħħa, issuġġerixxa li forsi seta jkun hemm xi ħaddiema li setgħu jkunu assenjati mar-Reġjuni sabiex jagħmlu xogħol manwali bażiku fil-lokalitajiet. Il-President Paul Farrugia wieġeb li kien ser jiċċekja dwar dan mal-President tal-AKL u jirraporta lura fil-laqgħat li jmiss.

Ħaddiema mit-Turiżmu assenjati mar-Reġjuni

**ii.** Joseph Abela Sindku Ħal Tarxien staqsa dwar il-possibilita' li l-WASTESERV iżżid ġurnata oħra għall-kollezzjoni tal-borża griża. Żied jispjega s-Sur Abela li bħala lokalita' qed ikollhom diffikulta' għaliex il-lokalitajiet konfinanti magħhom bħal Fgura għandhom jumejn għal ġbir tal-borża tal-iskart riċiklabbli allura r-residenti tal-Fgura jekk ma jilħqux lill tat-truck fil-lokalita tagħhom xorta waħda qed jpoġġu l-boroz fil-kantunieri li dawn jagħmlu mal-konfini ta' Ħal Tarxien għaliex jaħsbu li bħalhom hemm jumejn għal din il-kollezzjoni filwaqt li dan ma jkunx minnu bil-konsegwenza li dawn il-boroż qed jibqgħu hemm għaliex il-kolletturi għandhom struzzjonijiet mill-WASTSERV li jiġbru biss il-boroż skond il-ġurnata. Il-President wieġeb li kien ser jiċċekja dwar dan u jirraporta lura fil-laqgħa li jmiss.

WASTESERV iżżid ġurnata oħra għall-kollezzjoni tal-borża griża

**49.6 Rapporti**

**i.** Ma kienx hemm rapporti x'jiġu mressqa.

**49.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru.110/2020**

**i.** Il-President fakkar lis-Sinjuri Membri li permezz tal-**mozzjoni 01/41/2020** mressqa fil-laqgħa numru 41/2020 kien maqbul unanimament li l-pagamenti kollha dovuti mir-Reġjun Xlokk lis-Suppliers isiru *b'direct debit mandate* minn fuq il-kont bankarju tar-Reġjun Xlokk għall-kont bankarju tas-supplier rispettiv.

**i.i** L-Iskeda tal-Pagamenti 110/2020 ġiet approvata u ġiet iffirmata wkoll minn żewġ membri tal-Kunsill Reġjonali Xlokk, mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**ii.** Il-President informa lill-Kunsill li kienu għadhom qed jinħarġu u jintbgħatu xi pagamenti nkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat preżenti unanimament approva li jinħarġu u jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali. Hawnhekk il-President fakkar li anke f'dan il-każ il-ħlasijiet kienu ser jgħaddu bi trasferiment bankarju u għaldaqstant il-Kunsilli Lokali kellhom jgħaddulna d-dettalji bankarji tagħhom sabiex il-pagamenti relatati setgħu jiġu affettwati.

**49.8 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**49.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fi 19:00hrs.

**ii.** Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar il-Ħamis 26 ta' Novembru 2020 fil-5:30pm

*(IFFIRMATA)*
***Kav. Paul Farrugia***
***President***

*(IFFIRMATA)*
***Antonella Galea***
***Segretarju Eżekuttiv***